Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 33

**Data:** Il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2020
**Ħin:** 17:00
**Post:** Online – Microsoft Teams

**Preżenti:**

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**33.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 31 Emendati**

33.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.31 peress li kien hemm talba mill-Perit Galea sabiex tiġi inkluża l-laqgħa li l-AKL kellha ma' National Council of Women .

33.1.4 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif preżentati.

**33.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 32**

33.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.32.

33.2.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif preżentati.

**33.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 32**

| | |
|---|---|
| **33.3.1 Talba għal-Laqgħat mal-Onor Dr. Jose Herrera** | Il-President semma li l-Onor. Herrera talab li jkun hemm laqgħa mal-Eżekuttiv tal-AKL. Semma wkoll li talab li din il-laqgħa tkun waħda fiżika u mhux online. Dr. Azzopardi semma li għandha tingħata l-faċilita' ta' teleconferencing għall-Membri li mhumiex qed joħorġu minħabba s-sitwazzjoni ta' bħal issa. Il-President semma li kif tiġi ikkomunikata lijlu data u ħin, jgħaddijhom minnufih lill-Eżekuttiv. |
| **33.3.2 Proġett b' kollaborazzjoni ma' TCTC** | Il-President semma fil-laqgħa preċedenti kien semma li ser ikun hemm proġett bejn l-AKL u TCTC fejn ser ikunu qed jiġu kreati filmati qosra ta' kif jitħalsu pagamenti online ta' diversi entitajiet. Il-President semma li wara aktar minn tliet ġimgħat f' komuikazzjoni mal-entitajiet biex dawn jipprovdu dummies ta' kif issiru pagamenti fuq il-portal tagħhom dawn għadhom ma ġewx lura bl-ebda risposta. |

33.3.3 Is-Sur Mark Grech għamel daħal għal-laqgħa fil-17:19

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**33.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 33**

33.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Jesmond Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 t' April 2020 u s-7 ta' Mejju 2020 li kienet tammonta għall-€47,286.51.

**33.5 Pjattaforma YouSafe – COVID 19**

33.5.1 Il-President semma li kien qed jinnota nuqqas ta' kooperazzjoni mis-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi li ma kienux qed jgħinu biex din il-pjattaforma tiffunzjona. Il-President semma li wieħed mill-għanijiet tal-pjattaforma kien li s-Segretarji Eżekuttivi flimkien ma' wħud mill-ħaddiema jkunu jistgħu anki jagħmlu teleworking. Ir-rapport maħruġ mill-NAO kien juri biċ-ċar li l-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali m' għandhomx l-infrastruttura neċessarja tal-informattika u dan kien qed jgħamilha impossibbli li l-ħaddiema jingħataw teleworking.

33.5.2 Il-President semma li lura għal Marzu huwa kien ikkomunika ma' kull Sindku kif ukoll mal-President tal-ANSEK, is-Sur Paul Gatt biex jara minn kien hemm interess li jaħdem fuq il-pjattaforma. Is-Sur Paul Gatt kien assigura lis-Sur Fava li huwa jinsab abbord tal-proġett u li ser ikun qed jikkomunika mas-Segretarji Eżekuttivi rigward l-istess proġett.

33.5.3 Is-Sur Fava semma li l-President tal-ANSEK kien abbord ta' dan il-proġett u bdew biss il-problemi meta dan intalab li jgħaddi lista lill-AKL ta' liema huma dawk is-Segretarji li jixtiequ jaħdmu fuq il-proġett sabiex min-naħa tas-Sur Fava jkun hemm komunikazzjoni mas-Sindki rispettivi. Semma li kienet ukoll ingħatat deadline sabiex tinġabar din l-informazzjoni. Semma li l-informazzjoni mogħddija ma kinitx waħda konklussiva.

33.5.4 Il-President semma li kien hemm bżonn ta' commitment li s-Segretarju jew xi ħadd mill-impjegati jiddedika ammont ta' siegħat kuljum sabiex din il-pjattaforma setgħet taħdem. Il-President semma wkoll li saħansitra ġab approvazzjoni mid-DLG sabiex dawk l-impjegati inkluż s-Segretarju Eżekuttiv li fuq deċiżjoni tal-Kunsill Lokali dawn ikunu jistgħu jingħataw teleworking anki ghal gimgha shiha, wara li jkun hemm qbil mas-Sindki rispettivi. Huwa qal li b' dan kien gharraf ukoll lil ANSEK u talab li dan jigi ikkommunikat lis-Segretarji Ezekuttivi. Semma li dan anki fid-dawl li kien ircieva numru ta' telefonati li ġew minn impjegati stess kif ukoll mill-UĦM sabiex ħaddiema jingħtaw teleworking.

33.5.5 Is-Sur Fava semma li l-President tal-ANSEK kien pront bgħat korrispondenza u rreaġixxa għal dak li l-AKL bgħatet lis-Sindki mingħajr lanqas biss l-Assoċjazzjoni kienet ikkupjata bil-korrispondenza. Oltre minn hekk semma kif il-Ħadd ta' dak il-weekend ħarġet direzzjoni oħra mill-ANSEK fejn kien hemm direttiva biex is-Segretarji Eżekuttivi ma jaħdmux fuq din il-pjattaforma. Qal li dan minkejja li l-ANSEK kienet kontinwament infurmat b' dak kollu li

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

kien qed jigri u kif jixhdu l-fatti, l-ewwel konsultazzjoni saret mal-ANSEK u wara mas-Sindki. Dan minkejja li l-Assocjazzjoni tirraprezenta lil Kunsilli Lokali.

33.5.6 Il-President semma li l-ANSEK m' ghandiex gharfien legali fil-ligi tal-Kunsilli Lokali u tali direttiva kienet abbuziva. Spjega wkoll li l-union rikonoxxuta tas-Segretarji u Haddiema klariklai hija l-UHM u din biss tista' tiddikkjata tilwima industrijali u taghti direttivi simili u an wara li taghrraf lil management bl-istess tilwima. Huwa fakkar li l-membri eletti u li jiddeciedu l-policy u progetti tal-Kunsill huma s-Sindki u l-Kunsilliera. Huwa tenna li kumment tal-l-Assocjazzjoni 'insultat' lis-Segretarji Ezekuttivi hija ingusta u ferm 'il boghod mill-verita. Dan ghaliex jekk qatt kien hemm zmien li s-Segretarji Ezekuttivi kienu stmati, kien propju f' dawn l-ahhar tlett snin fejn gew stmati daqs kull sindku jew kunsillier u gew mistiedna ghal kull attivta li organizzat l-Assocjazzjoni. Mhux biss, imma kull tokem li inghta Sindku jew Kunsillier, inghata ukoll lil kull segretarju li kien prezenti fl-istess attivitajiet. Semma wkoll li anki fejn jidhol sussidju tal-Masters, is-Segretarji Ezekuttivi li talbu li jaghmluh, dawn ukoll inghataw l-istess sussidju bhal kull kunsillier iehor mill-Assocjazzjoni u allura oltre milli l-Assocjazzjoni qatt pruvat jew riedet tinsulenta xi Segretarju Ezekuttiv, anzi dejjem hadmet fl-ahjar interess taghhom kif tista tixhed l-istess ANSEK meta l-President innifsu offra li jkun medjatur bejn il-UHM u l-Gvern sabiex jigu accettati l-proposti li l-UHM ghamlet f' isem is-Segretarji Ezekuttivi, tant li anki inzammet laqgha apposta ghal dan mal-istess union. Il-President iddikjara li hu m'ghandu l-enda tilwina mas-Segretarji Ezekuttivi imma la l-affarijiet waslu s' hawn, filwaqt li se jibqa juri koperazzjoni u jimxi bl-istess mod ma' kull segretarju Ezekuttiv, l-Assocjazzjoni ghandha l-obbligu li thares l-interessi tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsilliera wkoll.

33.5.7 Dr. Samuel Azzopardi semma li bħala AKL irridu nitgħallmu naħdmu b' mod aktar fragmentat u morru Kunsill, Kunsill. Jemmen li l-pjattaforma għandha tinżamm tiffunzjona. Semma kif bħala Membru tal-Kumitat tar-Reġjuni ġewwa Brussel kellu intervista flimkien mal-President ta' l-istess Kumitat fejn mil-lista ta' servizzi li Dr. Azzopardi semma li Malta qed toffri, il-YouSafe ġiet immarkata mill-Kumitat bħala waħda mill-best practices. Il-President irrimarka li kien hemm 2 istituzzjonijiet ohra barranin li nnutaw dan il-progett u talbu aktar informazzjoni sabiex huma wkoll jaddottawh internament mal-gruppi taghhom, fosthom is-CEMR

33.5.8 Dr. Azzopardi semma wkoll li għandu jkun s-Sindku li jideriġi lis-Segretarju Eżekuttiv.

33.5.9 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li kien infurmat li wħud mis-Segretarji Eżekuttivi kienu ferm imweġġajn bl-ittra li l-AKL bgħatet lis-Sindki. Semma li huwa jifhem li l-Kunsilli Lokali minkejja kollox għadhom miftuħin għall-pubbliku u li x-xogħol ma kienx naqqas imma inbidel. Kif ukoll semma li jkun hemm ċirkustanzi li ma tistax tagħżel bejn impjegat u ieħor. Għamel ukoll referenza għall-importanza li qed tingħata minn għadd ta' Sindki u Kunsilliera għall-tindif b' xejn li qed jingħata fil-lokalita' minn ċerti kumpaniji.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

33.5.10 Il-President semma li kien hemm tfixkil u nuqqas ta' kooperazzjoni kemm minn xi Sindki, Kunsilliera u anki Segretarji Eżekuttivi. Semma wkoll li s-Segretarji ma kellhomx ghalfejn ikunu mwegghin ghaliex kien propju hu li mar u tkellem mad-Dipartiment biuex dawn ikunu jsitghu jahdmu mid-dar ghaliex fehem l-esigenzi specjelment bl-iskejjel maghluqa. Tenna li jekk hemm imqar segretarju ezekuttiv wiehed li genwinament ihossu urtat b' xi atteggjament li wettaq hu personali jew l-Assocjazzjoni, hu lest jitkellem mieghu u jiccara l-affarijiet. Tenna li minkejja li mhix fil-karattru tieghu, zamm lura milli jirreagixxi u jirrispondi l-ittra li ntbghatet mill-ANSEK lil Kunsilliera kollha, sabiex ma jkabbarx l-istorja b' rispett lejn il-Kunsilli Lokali.

33.5.11 Chev. Paul Farrugia semma li għadd hemm nuqqas t' għarfien ta' kif wieħed jaħdem flimkien, hemm għadd ta' Sindki u Kunsilliera li qed jużaw il-paġna personali tagħhom ta' Facebook biex jippromovu inizjattivi personali.

33.5.12 il-President semma li hemm protagoniżmu qawwi li dan qed ifixkel inizjattivi u proġetti li jistgħu jsiru fil-kollettiv. L-iskop kien li jinqasmu best practices ta' Kunsilli differeneti u Kunsill jieħu ideat minn Kunsilli oħra u jirreċiproka.

33.5.13 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li l-problema hija xi Sindki li jużaw s-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel propoganda lis-Sindku biss. Jaqbel mal-President li hemm elemnt ta' protagoniżmu u xi sindki ohra li ma jwasslux il-messagg car li huma jridu jiddeciedu l-policy tal-Kunsill.

33.5.14 Is-Sur Anthony Mifsud semma li d-Dipartiment għandu jsaħħaħ il-moniteraġġ tiegħu fuq l-amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

33.5.15 Is-Sa. Graziella Galea wkoll qablet li kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju għandhom iżommu posthom u jerfgħu r-responsabbilita' ta' l-irwol tagħhom.

33.5.16 Il-President ippropona li fid-dawl ta' dak li ġara u t-twaqqif ta' dan il-proġett, l-AKL għandha tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali biex jiddeċiedi jekk l-aġir tal-ANSEK kienx wieħed abbużiv.

33.5.17 Wara diskussjoni fit-tul l-Eżekuttiv qabel li għandha tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Is-Sur Fava semma li kien hemm ukoll l-UĦM li ppruvat tintervjeni bejn il-partijiet biss is-Sur Fava semma li għandha tiġi irtirata l-azzjoni li ħadu l-ANSEK. Is-Sur Jesmond Aquilina offra li jekk ikun hemm qbil ikun medjatur bejn il-partijiet.

33.5.18 Dr. Azzopardi semma li wieħed jista' jmur għand id-Diviżjoni għax hija l-awtorita' regolatorja, il-President jista' jmur mingħajr bżonn ta' awtorizazzjoni tal-Eżekuttiv, dan jista' jgħati l-każ biex ma jsirux preċedenti u l-każ jinġib għall-attenzjoni ta' Diviżjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Filwaqt li semma wkoll li jekk il-President jixtieq jiċċara l-affarjiet biex tkun iċċarata s-sitwazzjoni anki minħabba integrita' dan jista' jsir b' mod liberu fuq livell personali.

**33.6 Proġett ERASMUS+**

33.6.1 Il-President semma li wara li l-AKL isottomettiet l-applikazzjoni għall-Key Action 3 taħt il-kappa tal-proġett Erasmus+, il-proposta tal-AKL intgħżlet u għaldaqstant il-proġett ġie magħżul.

33.6.2 Il-President semma li l-applikazzjoni għal dan il-proġett saret mingħajr għajnuna peress li l-MEUSAC saħqu li l-AKL kienet qiegħda tard biex tapplika għal dawn il-fondi. Huwa tenna li sar sforz kollettiv internament biex lahhaqna l-applikazzjoni fil-hin u bi kwalita ta' progett tajjeb.

33.6.3Il-President semma li ser tkun qed tiġi iffirmata Board Resolution sabiex jinfetaħ kont bankarju għal dan il-proġett.

**33.7 Proġetti mill-fondi tal-LESA**

33.7.1 Il-President semma li fid-dawl ta' dak li Malta kienet għaddejja minnu, l-AKL tat estensjoni biex l-attivitajiet pjanati biex isiru minn dawn il-fondi jiġu estiżi sa Mejju 2021. Apparti minnhekk anki fid-dawl taċ-ċirkustanzi ġodda li ħadd ma kien qed jistenna, il-President semma li l-AKL ħasset il-ħtieġa li tati ċ-ċans lil dawk il-Kunsilli Lokali li kienu ħa jagħmlu attivitajiet ta' festi sabiex jekk iridu jibgħatu emenda tal-proposta tagħhom għandhom jagħmlu dan mill-aktar fiss possibbli. Semma wkoll li l-AKL ser tati l-possibbilita' lil dawk il-ftit Kunsilli Lokali li ma kienux applikaw sabiex terġa' tingħatalhom l-opportunita' sabiex jieħdu dawn il-fondi.

33.7.2 Is-Sur Jesmond Aquilina kif ukoll is-Sur Anthony Mifsud semmew li huma kienu ser iħallu l-istess proposta u li r-Reġjun kien diġa ħareġ xi pagamaenti lill-kmamar tan-nar anki fid-dawl li kienu diġa saru xi spejjeż.

**33.8 Performance Appraisal ta' ex-Segretraju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni**

33.8.1 Il-President ressaq komunikazzjoni li l-AKL irċeviet mingħand l-HR fi ħdan id-Diviżjoni. Dawn qed jitolbu li l-AKL jikkonferma jew mod ieħor li ex-Segretarju Eżekuttiv li kienet ħadmet mal-AKL xi snin ijlu jekk kinitx ibenifikat minn unpaid leave jew reduce hourrs kif ukoll jekk kienx hemm xi warning li kien gaħdu pendenti.

33.8.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv iddeċieda li m' għandux jgħaddi l-ebda rimarki fuq dan is-suġġett minħabba n-nuqqas ta'

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

informazzjoni li kellha l-AKL, kif ukoll l-AKL tħoss li m' għandiex biżejjed records fuqxiex tibbaża d-deżiżjoni.

**33.9 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Audited Accounts 2019**

33.9.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju awditjat. Il-President semma li kien hemm surplus ta' kważi €54,000. Semma wkoll li l-AKL kellha tagħmel xi aġġustamenti sabiex tiġi adottata l-klawżola tal-Lease li hemm fl-istandards tal-IFRS

33.9.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**33.10 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2020**

33.10.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2020. Il-President semma li kien hemm żieda fl-allokazzjoni kif ukoll kien hemm xi aġġustamenti sabiex setgħu jinxtraw ingwanti disposable, maskli u hand sanitizers għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali.

33.10.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**33.10 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **33.10.1 Tqassim tal-Bajd tal-Għid** | Il-President semma li l-AKL kienet leħqet ordnat il-bajd tal-Għid sabiex jitqassam fil-Kunsilli Lokali għall-Kunsilli u l-haddiema imma peress li inqagħet is-sitwazzjoni tal-Covid 19, l-AKL ħasbet li jkun t' apprezzament jekk dan jitqassam lill-entitajiet bħal Caritas, Dar tal-Providenza, Dar il-Kaptan kif ukoll lis-Sorjiet tal-Ursulini. Dan għaliex ma kienx hemm mezz kif dawn jitwasslu ghand il-Kunsilli Lokali |
| **33.10.2 Depożitu ta' Muniti** | Il-President semma li l-BOV ġibed l-attenzjoni li ser ikun qed iwaqqaf id-depożitu ta' muniti kif ukoll l-end of day reconcillation. L-Akl talbet il-BOV li filwaqt li għandhom jergħu jikkonsidraw jirreveduu din il-pżizzjoni peress li kien ser ikollha impatt amministrattiv fuq il-Kunsilli Lokali, il-BOV ikkonċedi li jtawwal iż-żmien sa l-aħħar ta' Mejju biex sadanitant jilħqu jsiru l-applikazzjoniiet tal-EPOS machines u Internet Banking għal dawk il-Kunsilli Lokali L- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

AKL kienet qed tassisti lill-Kunsilli Lokali u anki lill-BOV biex jiffaċilitaw il-proċess. Il-President ikkommetta ruhu li l-Assocjazzjoni taghti l-assistenza kollha mehtiega sabiex dan isir mill-aktar fis u se zzomm kuntatt kontinqu mal-Bank u l-Kunsilli Lokali.

**33.10.3 ERA**

Il-President semma li jidher li ser ikun hemm xi problemi bl-iskart riċiklabbli u għaldaqstant kif ikollu aktar informazzjoni jsejjaħ laqgħa sabiex jiddiskutu mal-Eżekuttiv id-direzzjoni li ser tieħu l-AKL.

**33.10.4 Kumpanija Greeskips**

Il-President semma li Greenskips talbu laqgħa mal-AKL fuq xi proġett li ser ikunu qed jaħdmu fuqu.

**33.10.5 Sejħa għall-offerti għall-bdil tal-għamar tal-uffiċini AKL**

Il-President semma wara deċiżjoni li kienet ittieħdet f' laqgħat preċidenti semma li ser tkun qed tinħareġ sejħa għall-offerti.

**33.10.6 Vivacity**

Il-President semma li kienu ġew rappreżentanti tal-kumpanija Vivacity sabiex tingħata kwotazzjoni għal roof garden fuq il-bjut tal-binja.

**33.10.7 Sejħa għall-offerti**

Il-President semma li l-AKL ser tkun qed toħroġ sejħa għall-website ta; Residnet First , sejħa għas-servizzi li jkun hemm bżonn jintużaw waqt il-laqgħat u seminars bħalma huwa servizz ta' fotografija, vidiografija, videoclips u PR. U ghat-tfassil tad-dokumenti tekniċi li qed isiru bħala linji gwida fuq il-viżjoni.

**33.10.8 Stickers għall-Kunsilli Lokali**

Il-President ipropona li l-aKl flimkien mar-Reġjuni għandhim jiffininzjaw stickers ta' social distancing sabiex il-Kunsilli Lokali jużawhom għal quddiem postijiet pubbliċi. Il-President ippreżenta l-kwotazzjonijiet, kellu jara wkoll xi samples minħabba l-materjal. L-ispiża għal kull Reġjun kienet ser tkun ta' madwar €1000. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva din il-proposta.

**33.10.9 Social Impact Assessment**

Il-President semma li r-Reġjuni għandhom jibdew jaħsbu biex joħorġu s-sejħa għal dan l-istudju. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li kien għadu qed jistenna Terms of Reference tas-sejħa. Is-Sur Aquilina semma li jekk mhux

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ser ikun finanzjament addizjonali, is-Sindki li jappartjenu r-Reġjun Nofsinhar rawh li ser ikun ħela ta' riżorsi.
Is-Sur Michael Fenech Adami semma li r-Reġjuni waqt laqgħa mad-Direttur, is-Sa. Marisa Pisani kienu mwiegħda li kien hemm fond ta' €600,000 li ser ikun qed jinqasam bejn ir-Reġjuni sabiex isir l-istudju. Il-President irrimarka li fl-allokazzjoni li hadu r-regjuni hemm mahsib li jsir dan l-istudju u li dan huwa wiehed milll-funzjonijiet ewlenin godd ali ghandhom ir-regjuni.

**33.11 Affarjiet oħra**

**33.11.1 Assessment – Covid 19**

Dr. Azzopardi semma li jkun interessanti u huwa bħala Reġjun Għawdex ser ikun qed jikkonsidra illi bħala Reġjun jikkummissjona studju fuq kif il-Covid 19 affetwat lill-lokalitajiet. Dan l-istudju għandu għin u jagħti ħjiel għall-strateġija ' l quddiem u sfidi. Dan l-istudju għandu jagħti wkoll identita' anki lir-Reġjun. Semma li r-Reġjuni għandhom jiġbru mandat mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil ġenerali li dan l-istudju għandu jsir mir-Reġjuni.

**33.11.2 LESA**

Chev. Farruga semma li huwa bħala President tar-Reġjun Xlokk irrid risposta mill-LESA għaliex dawn il-fondi għadhom ma ingħtawx.

**33.11.3 Wikpedia**

Is-Sur Michael Fenech Adami semma li għadda l-kuntatti tal-AKL sabiex tibda tinġabar informazzjoni fuq il-Kunsilli Lokali.

**33.12 Aġġornament**

33.12.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.35 li nżammet nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020.

**Mario Fava**
**President**